

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada dwar il-kooperazzjoni doganali rigward kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-katina tal-provvista

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jinstab bl-EN, bil-FR u bil-DE fuq is-sit elettroniku tal-KEPD <http://www.edps.europa.eu>)

(2012/C 335/05)

I. Introduzzjoni

I.1. Konsultazzjoni tal-KEPD

1. Fit-28 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni adottat Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada dwar il-kooperazzjoni doganali rigward kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-katina tal-provvista⁽¹⁾ (li minn hawn 'il quddiem ser tissejjaħ: "l-abbozz tal-ftehim"). Il-Proposta ntbagħtet lill-KEPD fl-istess jum.

I.2. Kuntest u għan tal-Proposta

2. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kanada fil-qasam tad-dwana huma bbażati fuq il-Ftehim dwar Koperazzjoni u Assistenza Reċiproka Doganali fuq Affarijiet Doganali (CMAA) tal-1998⁽²⁾. L-Artikolu 23 tas-CMAA jippermetti li l-partijiet kontraenti jespandu dan il-ftehim biex tiżdied il-kooperazzjoni doganali.

3. Il-Proposta għandha l-għan li tespandi s-CMAA permezz ta' ftehim ġdid u kumplimentarju (li minn hawn 'il quddiem ser jissejjaħ "l-abbozz tal-ftehim") u li tistabbilixxi bażi legali għall-kooperazzjoni doganali bejn l-UE u l-Kanada dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-katina tal-provvista u għestjoni tar-riskju relatata, b'mod simili għall-kooperazzjoni attwali mal-Istati Uniti, li fiha l-KEPD adotta opinjoni fid-9 ta' Frar 2012⁽³⁾.

I.3. Skop tal-Opinjoni tal-KEPD

4. Skont il-proposta, l-abbozz tal-ftehim għandu wkoll l-għan li jipprovdi bażi legali għall-iskambju ta' informazzjoni. Filwaqt li l-iskambju ta' dejta personali mhuwiex l-iskop tal-Proposta, ser isiru skambji notevoli ta' dejta personali, speċjalment dik relatata mal-operaturi. Din l-Opinjoni ser tanalizza kif l-iskambju ta' din id-dejta personali huwa rregolat fl-abbozz tal-ftehim. L-Opinjoni ser tanalizza wkoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim tas-CMAA sa fejn dawn ikollhom effett fuq l-ipproċessar tad-dejta personali skont l-abbozz tal-ftehim. Minbarra l-fatt li l-abbozz tal-ftehim jipprovdi l-bażi legali għal kooperazzjoni ulterjuri, l-Opinjoni tagħti wkoll rakkomandazzjonijiet dwar deċiżjonijiet jew ftehimiet ġejjiena li jeħtieġu l-iskambju ta' dejta personali li jistgħu jiġu adottati fuq il-bażi tal-abbozz tal-ftehim.

IV. Konklużjoni

27. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza għall-applikabilità tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u tal-privattezza tal-partijiet kontraenti u r-referenza għall-Artikolu 16 tas-CMAA. Madankollu fejn dan ikun possibbli jirrakkomanda li jiżdied il-kliem li ġej fl-abbozz tal-ftehim jew inkella f'deċiżjonijiet jew ftehimiet ġejjiena adottati fuq il-bażi tal-abbozz tal-ftehim:

⁽¹⁾ COM(2011) 937 finali.

⁽²⁾ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar kooperazzjoni u assistenza doganali reċiproka fuq affarijiet doganali (ĠU L 7, 13.1.1998, p. 38).

⁽³⁾ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika fl-intensifikar u twessigħ tal-Ftehim dwar kooperazzjoni doganali u għajnuna reċiproka f'affarijiet doganali biex tkun inklużi l-kooperazzjoni fis-sigurtà fir-rigward ta' containers u affarijiet relatati (ĠU L 304, 30.9.2004, p. 34). Ara wkoll il-Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali bejn l-UE u l-Istati Uniti rigward ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati tal-Unjoni Ewropea u l-Programm ta' Sħubija bejn id-Dwana u l-Kummerċ Kontra t-Terroriżmu tal-Istati Uniti (COM(2011) 937 finali) u l-Opinjoni tal-KEPD tad-9 ta' Frar 2012 li jinsab fuq http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2012/12-02-09_EU_US_Joint_Customs_MT.pdf

- kjarifika li l-kwistjonijiet li ma jaqgħux fi ħdan il-politika kummerċjali komuni għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim;
- tidjiq u titjib fid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambji ta' dejta personali;
- speċifikazzjoni tal-kategoriji ta' dejta li għandhom jiġu skambjati;
- fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta sensitiva, isir provvediment għal salvagwardji adegwati u fejn dan ikun relevanti, għandha ssir verifika minn qabel tal-ipproċessar mill-awtoritajiet nazzjonali tal-UE tal-protezzjoni tad-data u l-KEPD;
- jiġi ggarantit li s-suġġetti kollha tad-dejta jkollhom drittijiet ta' aċċess, rettifika u rimedju ġudizjarju u amministrattiv effikaċi;
- is-suġġetti tad-dejta jiġu mgħarrfa dwar il-karatteristiċi tal-ipproċessar kif żviluppatti iktar 'il fuq;
- jintalbu miżuri ta' sigurtà adegwati;
- jintqal li l-konformità mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta personali tal-partijiet kontraenti għandha tiġi ssorveljata mill-awtoritajiet nazzjonali tal-UE responsabbli mill-protezzjoni tad-dejta, il-KEPD u l-kummissarji tal-privatezza tal-Kanada;
- il-KEPD ikompli jiġi kkonsultat dwar deċiżjonijiet oħrajn tal-JCCC dwar l-ipproċessar ta' dejta personali.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' April 2012.

Giovanni BUTTARELLI
Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni
tad-Dejta
